

Brussell, 19 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9698/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0156 (NLE)

AVIATION 82
RELEX 507
CHINE 7

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni
tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili
bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Marzu 2016, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili. Il-Kummissjoni nneozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili ('il-Ftehim') bl-għan li titrawwem kooperazzjoni bilaterali dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u li jkunu ffaċilitati l-kummerċ u l-investment fi prodotti ajrunawtiċi bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
- (2) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ('il-Ftehim') huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.*

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument 9702/18.